MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Numru. 688/2003

**Pulizija**
**vs**
**Carmel Camilleri**
**Alexander Grech**

Il-Qorti, rat l-imputazzjonijiet maghmula kontra Carmel Camilleri ta’ 21 sena iben Emanuel u Maria Dolores nee Cutajar mwieled Pieta fil-31 ta' Jannar 1978 u residenti Adrian Triq G Traganz Luqa, LD 921981M.

U Alexander Grech ta' 16-il sena iben Anthony u Maria nee Camilleri mwieled Pieta fl-1 ta' Novembru 1986 u residenti 74 Sqaq Pawlu Magri No 2 Luqa, ID 534086M.

Akkuzati talli flt-8 ta' Mejju 2002 ghall-habta tas-l.30pm f'Hal Qormi kkommettew serq ta' flus u ta ' cekk li jammontaw ghal madwar Lm265, mill-DFS Warehouse Triq Guze Ellul Mercer Qormi, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bil-persuna ghad-dannu tas-sid Raymond Attard minn Hal Luqa u dan ai termini ta' l-artikolu 267 u 238 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjonijiet ta' l-imputati. Isegwi ghal hekk li l-imputazzjonijiet gew pruvati skond il-Ligi.
Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 267 u 268 tal-Kap 9 ssib lill-imputati hatja izda minhabba ammissjoni bikrija, fedina penali netta kif ukoll minhabba li l-flus thallsu lura lil sidhom, qeghda tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlu ebda reat iehor fi zmien 18-il xahar mill-lum.  Il-Qorti fissret u fehmet lill-imputati l-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------